MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 626/1999/1

**Joseph Agius**

**vs**

**Joseph Pace**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta :

Illi l-konvenut kien kreditur tal-mejjet Emmanuel Abela;

Illi l-attur kien hallas parti minn dan id-dejn fl-ammont ta' tlett elef lira maltija (Lm3000);

Illi l-mejjet Emmanuel Abela kien ghadu debitur tal-konvenut fl-ammont ta' sittax-il elf lira maltija (Lm16000);

Illi l-mejjet Emmanuel Abela ma kellux mezzi finanzjarji sabiex jaghmel tajjeb ghal dan id-dejn ghajr polizza ta' assigurazzjoni mahruga mill-American Life Insurance Company bin-numru 4471020;

Illi l-attur kien bil-hila tieghu ftiehem mal-mejjet Emmanuel Abela sabiex dan ta' l-ahhar jaghmel second charge fuq il-polizza fuq imsemmija favur il-konvenut, u qabel ma sar dan l-attur u l-konvenut kienu ftehmu li hekk kif timmatura l-polizza l-konvenut kellu jhallas is-somma komplessiva ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500) lill-attur;

Illi din l-obbligazzjoni da parti tal-konvenut kienet ukoll saret bil-miktub;

Illi ghalkemm il-polizza mmaturat u l-konvenut ircieva l-flus minghand is-socjeta` assiguratrici, huwa baqa' ma hallasx lill-attur skond il-ftehim;

Illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont cert, likwidu u dovut ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500);

Illi jikkonkorru dwar dan id-dejn l-elementi rikjesti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) stante li fil-fehma tal-attur, il-konvenut m'ghandu l-ebda difiza xi jressaq kontra t-talba ta' l-attur biex huwa jhallas, kif jidher mill-anness affidavit (Dok. A);

Jitlob l-istess konvenut ghaliex ir-ragunijiet fuq premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ta' Malta (Kap. 12); u

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500), kreditu dovut lill-attur kif fuq inghad;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Frar 1999 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

Preliminarjament in-nuqqas ta’ integrita` tal-gudizzju stante n-nuqqas ta’ interpellazzjoni tal-mara tal-eccipjent; ghaldaqstant l-attur ghandu jirregola ruhu;

Prelimarjament ukoll, in kwantu li l-kawza odjerna hi bbazata fuq ftehim li allegatament sar bil-miktub, jirrileva li l-attur ghandu jezibixxi dan il-ftehim fl-atti ta’ din il-kawza;

Inoltre preliminarjament, u minghajr pregudizzju tas-suespost, illi t-talbiet attrici, in kwantu dawn huma bbazati fuq xi ammonti li l-mejjet Emanuel sive Noel Abela, huma preskritti a tenur tal-artikoli 2156(d), (e) u (f) u dan stante li l-istess Noel Abela miet fl-1989;

Bla pregudizzju ghas-suespost, li, kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjent ma ghandu jaghti xejn lill-attur, u fi kwalsiasi kaz, qatt ma dahal garanti lejn l-attur ta’ xi dejn dovut lill-istess attur minghand Noel Abela;

Bla pregudizzju ghas-suespost li ma sar l-ebda ftehim kif qieghed jallega li sar l-attur;

Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi ftehim li seta sar, bejn il-kontendenti huwa kolpit bin-nuqqas ta' kunsens tal-mara tal-eccipjent li mkien ma tissemma fic-citazzjoni jew fid-dikjarazzjoni attrici annessa maghha;

Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, in-nullita` ta' kwalsiasi ftehim li setgha sar bejn il-kontendenti stante li tali ftehim huwa kolpit b'qerq u agir doluz maghmul mill-istess attur fil-konfront tal-konvenut;

Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost li kwalsiasi ftehim li setgha sar hi kolpita minn zball invincibbli u vizzju ta' kunsens u dan kif ser jigi ppruvat tul is-smigh tal-kawza;

Inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, li l-obbligazzjoni ghal liema l-attur jirrikjama ruhu tiddifetta minn kawza gusta skond il-ligi, dan ukoll kif ser jintwera tul is-smigh tal-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li l-konvenut kien kreditur tal-mejjet Emmanuel Abela. L-attur jippremetti ukoll li huwa kien hallas lill konvenut parti minn dan id-dejn. Il-

mejjet Emmanuel Abela kien ghad ghandu jghatiu lill-konvenut ammont ta' sittax-il elf lira maltija (Lm16000). Il-mejjet Emmanuel Abela seta jghamel tajjeb ghal dan id-dejn bi polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja tieghu mahruga mill-American Life Insurance Company. L-attur inoltre jippremetti illi ftiehem mal-mejjet Emmanuel Abela sabiex issir "a second charge" fuq l-imsemmija polza favur il-konvenut. Qabel l-attur ftiehem mal-konvenut li hekk kif timmatura l-polza l-konvenut kellu jhallas lill-attur is-somma komplessiva ta' tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3,500);

L-attur jallega li din l-obbligazzjoni da parti tal-konvenut saret ukoll bil-miktub. L-attur ikompli jippremetti li wara li l-polza mmaturat l-konvenut ircieva l-bilanc li kien fadallu jiehu pero' ma hallax l-imsemmija somma mweghda lill-attur. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Minn naha tieghu l-konvenut qed jeccepixxi peliminarjament li l-gudizzju mhux integru stante li dawn il-proceduri ma sarux ukoll kontra martu u li l-attur ghandu jesibixxi l-ftehim miktub minnu allegat. Preliminarjament ukoll gie eccepit li t-talbiet attrici, in kwantu dawn huma bbazati fuq xi ammonti dovuti mill-mejjet Emanuel sive Noel Abela, huma preskritti a tenur tal-artikoli 2156(d), (e) u (f) u dan billi l-imsemmi mejjet miet fil-1989;

Il-konvenut qed jeccepixxi ukoll li ma ghandu jaghti xejn lill-attur u li huwa qatt ma dahal garanti lejn l-attur ta' xi dejn dovut lill-istess attur minghand il-mejjet Noel Abela. Jeccepixxi ukoll li ma sar l-ebda ftehim bejnu u l-attur. Inoltre kwalsiasi ftehim li seta sar bejn il-kontendenti hu nieqes mill-kunsens tal-mara tieghu. Inoltre kwalsiasi ftehim li setgha sar bejn il-kontendenti hu null peress li hu kolpit b'qerq u agir doluz tal-attur fil-konfront tal-konvenut. Inoltre kwalsiasi ftehim li setgha sar hu kolpit minn zball invincibbli u vizzju ta' kunsens. Finalment gie eccepit li semmai l-obbligazzjoni allegata mill-attur tiddifetta minn kawza gusta;

Ghar-rigward ta' uhud minn dawn l-eccezzjonijiet ghandu jinghad li ma saret l-ebda prova li l-konvenut hu ragel mizzewweg; ghar-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jirrizulta li t-talbiet attrici huma bazati fuq allegata obbligazzjoni li saret bejn il-kontendenti u ghalhekk ammonti semmai dovuti minn terzi m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-istess talbiet; u ma saret l-ebda allegazzjoni mill-attur li l-konvenut ghamel xi garanziji ghal xi ammonti dovuti minn terzi u cioe mill-mejjet Emanuel Abela. L-eccezzjonijiet relattivi ghalhekk ghandhom jigu michuda;

L-attur jghid li certu Emanuel Abela, illum mejjet, kellu xi dejn mal-konvenut. F'hin minnhom l-imsemmi Abela beda jhallas lura l-ammont minnu dovut b'pagamenti rateali ta' elf liri maltin (Lm1000) fix-xahar. L-attur ikompli jghid li huwa kien jiehu hsieb jghamel dawn il-pagamenti ghan-nom ta' Abela u li dawn il-pagamenti saru bi flusu u mhux flus ta' Abela. B'dan il-mod saru tlett (3) pagamenti rateali. Wara dan ma komplewx isiru pagamenti. F'dan l-istadju, dejjem skond l-attur, Abela kien informa lill-istess attur li kien hemm polza ta' assikurazzjoni fuq il-hajja tieghu li seta jghatiha b'rahan biex tghamel tajjeb ghall-ammonti dovuti lill-konvenut. Il-konvenut accetta din il-garanzija u inoltre ddikjara li jekk isiru arrangamenti f'dan is-sens huwa kien lest li jhallas lura lill-attur is-somma ta tlett elef liri maltin (Lm3000) oltre li jaghtih hames mitt liri maltin (Lm500) ohra u dan malli jithallas il-flus mill-assikurazzjoni. Eventwalment giet registrata l-garanzija a favur il-konvenut. Fil-frattemp ukoll miet Abela. Skond l-attur il-konvenut kien ukoll ghamel dikjarazzjoni bil-miktub fejn obbliga ruhu li jhallas lill-attur l-imsemmija somma ta Lm3500 malli jircievi l-flus tal-polza. Eventwalment dawn il-flus tal-polza thallsu lill-konvenut, li pero' da parti tieghu naqas li jhallas lill-attur;

Da parti tieghu l-konvenut xehed li kien sellef flus lill-imsemmi mejjet Abela b'varji okkazzjonijiet. Fl-ewwel minn dawn l-okkazjonijiet Abela kien ipproucja bhala

rahan polza tal-assikurazzjoni li kellu fuq il-hajja tieghu. Il-konvenut jghid li l-attur kien jippretendi li kellu jiehu xi Lm2000 mill-flus tal-polza. Il-konvenut ikkonferma li l-attur ma kellu x'jaqsam xejn mal-istess polza. Ikkonferma ukoll li hu qatt ma wighed lill-attur li kien ser itih xi parti mir-rikavat ta' l-assikurazzjoni;

L-attur ghandu qabel xejn jipprova b'mod sufficjenti l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tieghu. Dan l-attur ma rnexxilux jghamlu. L-attur jallega li l-konvenut ghamel obbligazzjoni bil-miktub, pero' huwa naqas li jipprduci l-iskrittura relattiva. F'dan ir-rigward l-attur esibixxa affidavit ta' Richard Winston Scicluna li qal li l-konvenut, fil-presenza tieghu, kien ikkonferma l-imemmija obbligazzjoni bil-miktub. Ix-xhud qal ukoll li din l-iskrittura ma nstabitx;

La darba l-attur qed jghamel allegazzjoni li saret skrittura ghar-rigward tal-obbligazzjoni in kwestjoni, ma hemmx dubju li l-ahjar prova hi li tigi prodotta l-istess skrittura. Il-provi li pproducja l-attur f'dan ir-rigward ma jwasslux ghal konvinciment li tali skrittura in effett saret. Zgur li ma hemmx prova certa tal-kontenut tal-istess skrittura;

Inoltre x-xhieda prodotti mill-attur mhux ghal kollox affidabbli u kredibbli. Dawn ix-xhieda kienu pjuttost vagi f'dak li qalu. Barra minn hekk il-konvenut kategorikament jichad l-allegazzjonijiet tal-konvenut. Il-versjoni li ta' l-konvenut hi aktar verosimili u kredibbli;

F'dan is-sens ir-rimanenti eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu akkolti u konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------